IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru53 (tlieta u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 14 ta' Settembru, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **Assenti B'Apoloġija:** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| L-Uffiċjal | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

53.1 Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

53.1 Is-Segretarju informa li s-Sur Neil Attard talab li jkun skużat minħabba li jinsab ma jiflaħx.

53.2 Item Nru 53.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti

53.2.1 - Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

53.3 Item Nru 53.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

53.3.1 SSTP – Is-Sur Valvo qal li sal-aħħar ta' Settembru il-ġarr u l-filling fuq il-landscaping ser jieqaf. Għalhekk hu qal li ser ikellem lic-*Chairman* biex nieħdu feedback.

Ir-riħa kultant qed inxommuha wkoll u jgħidulna li mhux minn naħa tal-impjant.

Is-Sindku ippropona li niktbulhom uffiċjalment sabiex isiru l-*odor metre* 2 jew 3 u ma' xi arblu. Biex ikollhom moniteraġġ ta' meta tinxtamm eżattament. Dan għaliex il-ħaddiema dejjem jgħidulna li mhux ixommuha imma il-prob

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

abilta hi li huma issa saru immune għal din it-tip ta' riħa. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

Il-Kunsill qabel li nitolbu laqgħa oħra tal-monitoring committee u li fiha jkun hemm xi ħadd mil-Ministeru preżenti.

Is-Sindku qal li hemm xi problemi dwar id-dressing rooms li ser isiru mil-Ministeru tal-Infrastruttura flimkien mal-Water services Corporation. Bħala proġett kien beda mil-Ministeru tal-Infrastruttura taħt Joe Mizzi li kif raw il-budget ta' kemm ser jiswa l-ground bit-turf raw li huwa diffiċli biex iseħħ. Pero mbgħad daħlu l-Water Services li approvaw li ser jiffinanzjaw €100,000 minnu biex jagħtu xi ħaġa lil Komunita tax-Xgħajra.

Qabel l-elezzjoni beda x-xogħol ta' Dan il-Proġett tantu hu hekk li ħaffru ħofra kbira.

Wara l-Elezzjoni tat- 3 ta' Ġunju 2017 il-Ministru tal-Infrastruttura Joe Mizzi sar Ministru tal-Enerġija u Water Services. Minn dak in-nhar il-Water Services qed joġġezzjoni li jiffinanzjaw dan il-Proġett. Għalhekk bħala proġett waqaf ħesrem u bqajna b'ħofna kbira.

Is-Sindku qal li ser ikellem lil Ministru sabiex ikun jistaqsi x'qiegħed jiġri u għaliex dan id-dewmien minkejja li kien kollox approvat verbalment.

53.3.2 Recreational Centre – Is-Sindku qal li l-applikazzjoni il-Planning Authority qiegħda għal approvazzjoni u f' Ottubru ikollna l-permess tal-full development.

Tlabna laqgħa u tlabna lil perit biex itina l-BOQs u għadhom ma bagħtuhomx.

F' Ottubru ukoll għandu jkollna progress biex naraw x'fadal jagħmel il-Kuntrattur Schembri Barbros biex jagħlaq il-Kuntratt.

Aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

53.3.3 Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal- Onor Deo Debattista fejn tkellimna fuq affarijiet li nistaw naħdmu mas-Segretarjat tiegħu. Fosthom huma tisbieħ tar-recreational area fejn il-Ground tal-football, Fence adegwat madwar il-proġett, kif ukoll dwar Valletta 18 biex ikollna mistednin delegazzjonijiet minn Colletorto, Pelplin, Demir Kapija u Alsonemedi.

53.3.4 Jogging Track - Is-Sindku qal li ser ikollna laqgħa mal-Onorevoli Clifton Grima dwar il-Jogging track nhar il-25 t' Ottubru f'12pm.

53.3.5 Gal xlokk – Is-Sindku qal li hemm opportunita biex nagħmlu upgrade tal-Fort Park. Hemm budget ta' €60,000 li aħna rridu nżidu miegħu 20% igifieri €12,000 biex naghmlu upgrade tal fort park. Għalhekk il-Kunsill qabbad lil Perit Robert Ellul sabiex naraw kif nistgħu nagħmlu tisbieħ b'dan l-ammont u joħroġ stima u pjanta.

53.4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

53.4.1 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet fuq il-Belishia lights maz-zebra crossing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju qallha li ser jibgħat lill-Charles Muscat biex nibdew il-proċess.

53.4.2 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet jekk tħallasx il-Kuntrattur li qata' l-ħaxix ta' Triq Karmelo Ritchie għaliex għadu ma sarx komplut kif suppost. Is-Segretarju qal li għadu ma tħallasx u ser niġbdulu l-attenzjoni dwaru. Is-Sindku qal li għas sena d-dieħla nitolbu stima lil ELC wkoll biex naraw kemm joħdulna huma wkoll.

53.4.3 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet dwar il-problema tal-ilma fi Triq il-Fabbriki. Is-Sindku qal li għadna ma smajna xejn u ser nitkellmu fuqha fil-laqgħa mal-Onor. Ian Borg, jew rapprezentanti tiegħu.

53.4.4 Is-Sinjura Doris Borg tkellmet fuq il-possibilta li jsir club li jlaqqa' anzjani, nisa tad-dar, u nies li jħossuhom waħedhom u jkunu jistgħu joqodu jitkellmu u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom flimkien. Għalhekk tajjeb li nibgħatu karta f'kull dar biex naraw min hu interessat jissieħeb.

Għal dan il-klabb ser ikunu qed jieħdu ħsiebu s-Sinjura Doris Borg u s-Sinjura Antonia Buttiġieġ u għalih irridu infasslu programm interessanti sabiex jattendu l-aktar nies possibli u anke jgħidu d-dwejjaq tagħhom.

Is-Sindku qal li dawn it-tip ta' laqgħat kienu diġa isiru s-sena l-oħra u għandna wkoll nies apposta li jistaw jergħu jagħmlu xi laqgħat ta' informazzjoni. Dawn il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala *social gathering* fejn il-parteċipanti jiltaqgħu billi jqattgħu ftit ħin flimkien u jieħdu pjaċir.

53.4.5 Is-Sur Joe Azzopardi staqsa ghaliex twalu d-double yellow lines ta' Triq Alof De Wignacourt kantuniera ma Triq Dwardu Ellul. Is-Sindku qallu li twalu minħabba li qed jinżlu t-trakkijiet tal-Milord u tal-SSTP biex ikunu jistgħu iduru u jkollhom viżwal tajba.

53.5. Item Nru 53.5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

53.5.1 Pagamenti b'numru 63 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

53.6. Item Nru. 53.6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

53.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Airshow din is-sena ser jerġa isir fuq Smart City nhar it-23 u l-24 ta' Settembru.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

53.7. Item Nru. 53.7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

53.7.1 Ma kienx hemm kummenti fuq attivitajiet kulturali.

53.8. Item Nru. 53.8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

53.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 24 t'Ottubru, 2017 fil-5.30pm

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt